MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 394/2001/1

**The Cargo Handling Co. Ltd.**

**vs**

**Messrs John Abela Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' April, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:

1. Thallas is-somma komplessiva ta’ tliet mija u tmienja u tletin Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (LM338.58.0) rapprezentanti loading charges li l-kumpanija The Cargo Handling Co. Ltd. fornit lill-istess socejta’ konvenuta f’dati differenti u f’konsenji differenti u dan kif ser jigi ppruvat mill-istess socjeta’ attrici mill-provi taghha;

2. Bl-ispejjez u interessi kontra s-socjeta’ konvenuta;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-4 t’Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici tant huma vagi li l-esponent ma jistax jippreciza l-eccezzjonijiet tieghu pero’ ghal kull buon fini jecepixxi illi t-talbiet tal-attur huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li m’humiex dovuti;

2. Jirrizerva li jecepixxi t-talba tal-preskrizzjoni meta jkun sema l-provi jekk ikun il-kaz;

3. Jirrizerva eccezzjonijiet ulterjuri wara li jisma l-provi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti inkluzi n-noti ta’ osservazzjonijiet sottomessi mill-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet limitatament ghall-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta;

Ikkonsidrat:

1. Illi s-socjeta’ attrici intavolat din il-procedura biex tigbor il-“loading charges” lilha dovuta ammontanti ghall-tlett mija u tmienja u tletin Lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu, (LM338.58,0);

2. Illi l-ammont dovut jirrigwarda merkanzija mibghuta mis-socjeta' konvenuta li tghabbiet fuq il-bastiment MV Lince li salpat minn Malta fid-dati ndikati fid-dokumenti minnhom ipprezentati fl-atti ta' din il-procedura, (ara fol 14 – 22);

Ikkunsidrat:

Illi mid-dokumenti pprezentati jidher li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 65 (b) tal-Kap 352, tirrizulta abbundantement ipprovata stante li s-socjeta' attrici mhix preciza fit-talbiet taghha u konsegwentement naqset li tipprova l-allegazzjonijiet minnha sostenuti;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta tiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici."

Is-socjeta' attrici appellat minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti fejn laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fit-terminu ta' l-Artikolu 65 (b) tal-Kap 352 kienet zbaljata billi dan id-dispost tal-ligi ma kienx applikabbli ghal kaz.

Qabel xejn il-Qorti tinnota illi s-socjeta' konvenuta ma ssollevatx formalment l-imsemmija preskrizzjoni per via di eccezzione kif hekk jissanzjona l-Art 2111 tal-Kodici Civili izda permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet (fol 33).

A propositu hekk intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "**Emmanuele Busuttil –vs- Francesco Mercieca**", Appell, Sede Inferjuri, 15 ta' April 1950:

"*Eccezzjonijiet formali, bhal ma hija eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ma ghandhomx jinghataw f'noti ta' osservazzjonijiet, imma bil-mod formali procedurali. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li ma tigix moghtija formalment qisha mhijiex quddiem il-Qorti, u l-Qorti ma hiex tenuta tiddecidiha; ghax il-preskrizzjoni ma tistax tigi sollevata mill-Qorti 'ex ufficio'.*"

Ciononostante din il-precizazzjoni l-Qorti, biex tkun affrontat il-kwestjoni, sejra tassumi li bin-nota ta' sottomissjoni s-socjeta` konvenuta gabet il-quddiem il-preskrizzjoni li fuqha l-ewwel Qorti ffondat il-parte dispositiva tad-decizjoni taghha.

Hu principju kostantement affermat illi "*l-preskrizzjoni tista' tigi mwaqqa' mhux biss bil-gurament decizorju, izda wkoll billi wiehed juri illi ghal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni eccepita m'hijiex ammissibbli jew illi kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha*." (**Vol XXX pI p998**)

Is-socjeta` attrici appellanti ssostni li l-preskrizzjoni nvokata mis-socjeta` konvenuta appellata ma hijiex applikabbli bhala mezz ta' estinzjoni ta' l-azzjoni taghha. Dan, anke ghaliex, kif issostni hi, ghall-meritu tal-kaz taghha kellu jigi rigwardat disposizzjoni ohra tal-Kap 352 tal-Ligijiet, u mhux l-Artikolu 65 tieghu.

Ic-citat artikolu 65 jiddisponi illi "minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, ma tista' tittiehed ebda azzjoni kontra l-Awtorita` jew kuntrattur dwar ir-responsabilitajiet taghhom taht dan l-Att, jew ghal xi telf jew hsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oggetti, vetturi jew hwejjeg ohra huma x'inhuma abbord bastiment kemm-il daba:-

(a) talba bil-miktub, li taghti dawk il-partikolaritajiet li jistghu jkunu b'mod xieraq mehtiega, ma tinghatax lill-Awtorita` jew lill-kuntrattur, skond il-kaz, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oggetti kienu accettati mill-Awtorita` jew mill-kuntrattur;
(b) l-azzjoni ma tinbediex fi zmien tnax-il xahar mill-imsemmija data."

Issa m'hemmx dubju illi s-socjeta` appellanti hi kuntrattur ta' l-Awtorita` fis-sens tat-tifsira moghtija fl-Artikolu 2 ta' l-Att XVII ta' l-1991 (Kap 352) u b'applikabilita` ta' l-Artikolu 8 (3) hi akkordata wahda jew izjed mill-funzjonijiet vestita mil-ligi fl-Awtorita` Marittima. Tali veste u funzjoni tas-socjeta` attrici appellanti hi konsimili ghal dik li kellha taht l-Ordinanza XIII ta' l-1962 dwar il-Portijiet (Kap 170). Ligi

din li bhad-Director of Ports Act (Kap 224) u l-Port Dues Ordinance (Kap 100) gew aboliti u rimpjazzjati bl-Att XVII ta' l-1991 fuq imsemmi.

Ezami anke superficjali tad-disposizzjoni fuq appena accennata ghandu jaghmilha bil-wisq ovvja illi dak l-artikolu tal-ligi qed jirreferi ghall-azzjonijiet diretti minn terzi kontra l-Awtorita` jew il-kuntrattur u mhux azzjonijiet mehuda mill-Awtorita` jew mill-kuntrattur kontra terzi. Ghandu jkun ukoll bil-wisq logiku illi biex wiehed jara jekk xi preskrizzjoni partikolari hijiex ammessa jew applikabbli wiehed ghandu jhares lejn dak li qed jintalab bl-att promotur tal-kawza. F'dan il-kaz it-talba tikkonsisti f'reklam ghall-hlas ta' 'loading charges' li qed issir mill-Cargo Handling Co Ltd, qua kuntrattur portwali, kontra s-shipper. La hi azzjoni minhabba ksur jew vjolazzjoni tar-responsabilitajiet taghha, la hi azzjoni ghad-danni minhabba telf jew hsara u lanqas azzjoni ta' ripetizzjoni ta' xi hlasijiet tariffarji zejda jew mhux dovuti. Kemm l-Artikolu 65 kif ukoll dak sussegwenti ghalih (Art 66) jikkontemplaw azzjonijiet <u>kontra</u>, u mhux <u>mill</u>-Awtorita` jew kuntrattur.

L-Artikolu 65 tal-Att li kkreja l-Awtorita` Marittima huwa komplimentari jekk mhux ukoll konsimili ghall-Art 45 ta' dak li kien il-Ports Ordinance 1962. Kif akkolt fil-gurisprudenza t-terminu ta' tnax-il xahar fl-artikolu suddett kontemplat hu terminu perentorju jew ta' dekadenza. Ara f'dan is-sens decizjonijiet fl-ismijiet "**Dr. E. Fenech Adami noe –vs- Col. E. Gatt**", Qorti Kummerc, 23 ta' Novembru 1970 u "**Avukat Dottor Philip Bianchi nomine –vs- Albert Mizzi et noe**", Qorti Kummerc, per Imhallef George Schembri, 6 ta' Marzu 1978.

Kif enuncjat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Giuseppe Sammut –vs- Notaro Edoardo Pellegrini Petit**", Appell Civili, 16 ta' Jannar 1920 (Vol XXIV pI p276): "*quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicche di prescrizione, e' termine di decadenza, nel senso che, decorso quel termine, quell'atto non sarebbe piu` ammissibile. La dottrine pone il criterio distintivo in cio` che, se la disposizione che*

*assegna un termine per l'esperimento d'un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si trattera` di una decadenza*".

It-terminu stabbilit fl-Artikolu 65 huwa wiehed intiz biex jehles lill-Awtorita` u lill-kuntrattur taghha bhas-socjeta` appellanti, minn kull riskju ta' proceduri taht l-Att imsemmi, u fic-cirkostanzi hemm prevvisti, jekk l-azzjoni mit-terz ma ssirx fiz-zmien imsemmi ta' tnax il-xahar. Fil-kamp marittimu terminu bhal dan hu wiehed uniformi. Tant li nsibuh fl-Art 3 (6) tal-Hague Rules jew l-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Garr ta' Merkanzija bil-Bahar (Kap 140) fil-kaz ta' azzjoni kontra l-vapur jew it-trasportatur bil-bahar. Huwa wkoll komplimentari ghax-xorta ta' azzjonijiet preskritti fl-Artikolu 544 tal-Kodici tal-Kummerc.

Tenut rigward tal-konsiderazzjonijiet kollha ta' dritt fuq riportati dina l-Qorti ma tistax tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li irpozat il-parti operattiva tad-decizjoni taghha fuq l-akkoljiment ta' l-Artikolu 65 (b) tal-Kap 352.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost mis-socjeta` attrici appellanti billi tiddikjara li l-preskrizzjoni akkolta ma kienetx attendibbli u b'hekk thassar id-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandha tbatihom is-socjeta` konvenuta appellata.

Finalment qed tirrimetti lura l-process lill-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni fil-meritu tal-kawza u tal-eccezzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------